


AD 3/22

LIMITE

CONF-MK 2



DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UE
Laqgħa Politika tal-Konferenza Intergovernattiva dwar l-Adeżjoni tal-
Maċedonja ta' Fuq mal-Unjoni Ewropea (Brussell, 19 ta' Lulju 2022)

DIKJARAZZJONI INTRODUTTORJA MILL-UE GĦAN-NEGOZJATI TAL-ADEŻJONI

1. F'isem l-Unjoni Ewropea, huwa b'ferħ kbir li nilqa' hawnhekk illum ir-rappreżentanti distinti tal-Maċedonja ta' Fuq biex jibdeu il-**fażi tal-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni** ta' pajjiżkom mal-Unjoni Ewropea.
2. Dan huwa mument storiku għalina lkoll, li jimmarka **pass importanti fl-evoluzzjoni tar-relazzjoni tagħna**. Il-proċess ta' tkabbir jagħti inkoraġġiment b'saħħtu għar-riformi politiċi u ekonomiċi u jsaħħaħ il-paċi, id-demokrazija u l-istabbiltà fl-Ewropa u jqarreb lin-nies lejn xulxin.
3. Id-deċiżjoni li jinfetħu negozjati tal-adeżjoni, abbażi **tal-metodoloġija msaħħa tat-tkabbir**, approvata mill-membri tal-Kunsill Ewropew f'Marzu 2020, mhijiex biss pass importanti fir-relazzjonijiet tal-Maċedonja ta' Fuq mal-UE iżda hija wkoll turija ċara tal-**appoġġ inekwivoku tal-UE għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent**, espressa fl-Aġenda ta' Tessalonika, kif ukoll fid-Dikjarazzjonijiet ta' Sofija, Zagreb u Brdo. Pajjiżkom huwa parti mill-istorja, il-wirt u l-kultura Ewropea, u nistennew b'interess li nkomplu nsaħħu r-rabtiet tagħna li diġà huma stabbiliti sew.
4. Il-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni jkompli juri wkoll li, meta l-kondizzjonijiet jiġu sodisfatti, **l-UE twettaq l-impenji tagħha**. Kif deher fil-konferenza tal-lum, l-Unjoni tibqa' impenjata bis-siħ għal dan il-proċess. Aħna nilqgħu d-determinazzjoni tal-Maċedonja ta' Fuq li tavvanza fl-aġenda ta' riforma tal-UE u nistennew impenn politiku kontinwu biex ir-riformi meħtieġa jitwettqu bir-reqqa u b'mod vigoruż.
5. Il-Maċedonja ta' Fuq - pajjiż kandidat sa mill-2005 - hija sieħeb mill-qrib tal-Unjoni Ewropea bħala parti **mill-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni**. Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) tagħna, l-ewwel fir-reġjun, ilu fis-seħħ mill-2004, u huwa l-bażi għall-kooperazzjoni estensiva tagħna f'firxa wiesgħa ta' oqsma. Il-Maċedonja ta' Fuq qed tkompli timplimenta l-obbligi tagħha skont il-FSA. Id-djalogu politiku u ekonomiku tagħna qed jiżviluppa, partikolarment fi ħdan il-korpi tal-FSA.

6. **Il-benefiċċji għaż-żewġ naħat tar-relazzjonijiet mill-qrib tagħna huma evidenti.** L-UE hija l-akbar sieħeb kummerċjali tagħkom, b'benefiċċji ovvjji għan-negozju u l-investment barrani. Għaċ-ċittadini tagħkom, l-ivvjaġġar lejn l-UE sar aktar faċli minn mindu daħlet fis-seħħ il-liberalizzazzjoni tal-viża fl-2009. L-UE ilha tipprovdi appoġġ finanzjarju u tekniku, taħt diversi strumenti finanzjarji, u ser tkompli tagħmel dan inkluż bl-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni. Barra minn hekk, il-Maċedonja ta' Fuq tipparteċipa f'għadd ta' programmi tal-UE, inkluż Erasmus+, Ewropa Kreattiva, il-programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) u l-Ewropa għaċ-Ċittadini. Il-Maċedonja ta' Fuq hija wkoll osservatur tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u parti kontraenti tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija u t-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport.
7. **Is-saħħa tar-relazzjonijiet tagħna - l-għaqda u s-solidarjetà tagħna - reġgħet intweriet matul il-kriżi tal-COVID-19.** L-Unjoni Ewropea sostniet lill-Maċedonja ta' Fuq u lis-sħab tagħha tal-Balkani tal-Punent. Dan l-appoġġ u l-kooperazzjoni mar ferm lil hinn minn dak li kwalunkwe sieħeb ieħor ipprova lir-reġjun b'madwar EUR 66 miljun f'għotjiet u EUR 160 miljun f'assistenza makrofinanzjarja għall-Maċedonja ta' Fuq¹. L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi wkoll l-appoġġ siewi li l-Balkani tal-Punent taw lill-ġirien immedjati tagħhom u lill-UE matul il-pandemija. Dan jirrifletti s-solidarjetà u l-appoġġ reċiproku li fuqhom hija msejsa l-UE. **L-aggressjoni militari mhux ġustifikata u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna** qed ikollha impatt sinifikanti fuq il-kontinent Ewropew kollu. Il-Balkani tal-Punent huma mistennija jimpenjaw ruħhom għall-valuri Ewropej bħala Stati Membri futuri tal-UE. L-UE u l-Balkani tal-Punent diġà ngħaqdu flimkien fl-appoġġ għall-Ukrajna u fil-ġlieda kontra l-kampanja ta' diżinformazzjoni tar-Russja. Aħna nilqgħu tassew l-allinjament sħiħ tal-Maċedonja ta' Fuq mad-deċiżjonijiet u d-dikjarazzjonijiet kollha tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tal-UE, u nħeġġu lill-Maċedonja ta' Fuq tkompli tallinja ruħha bis-sħiħ mal-PESK tal-UE.

¹ https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/near_factograph_north_macedonia.pdf

8. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Marzu 2020, li ġew approvati mill-membri tal-Kunsill Ewropew fis-26 ta' Marzu 2020, il-Kunsill laqa' l-fatt li l-Maċedonja ta' Fuq uriet id-**determinazzjoni tagħha li tagħmel progress fl-aġenda ta' riforma tal-UE** u tat riżultati tanġibbli u sostnuti, li jissodisfaw il-kondizzjonijiet identifikati mill-Kunsill ta' Ġunju 2018 għall-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni.
9. In-negozjati tagħna huma bbażati fuq **l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea** u jieħdu kont tal-konklużjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill, b'mod partikolari dawk ta' Marzu 2020 li japprovaw il-metodoloġija msaħħa tat-tkabbir, il-kunsens imġedded dwar it-tkabbir li ġie maqbul mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1993 f'Copenhagen.

Il-Kunsill jibqa' impenjat bis-sħiħ li jmexxi 'l quddiem il-proċess ta' tkabbir abbażi ta' prinċipji u konklużjonijiet maqbula, li jintegraw il-metodoloġija msaħħa sabiex il-proċess ta' adeżjoni jkun **aktar prevedibbli, aktar kredibbli, aktar dinamiku u soġġett għal tmexxija politika aktar b'saħħitha**, abbażi ta' kriterji oġġettivi u kondizzjonalità pożittiva u negattiva rigoruża, u riversibbiltà.

L-UE tkompli tagħti importanza kbira lill-implimentazzjoni koerenti tal-**kunsens imġedded dwar it-tkabbir**, li huwa bbażat fuq il-konsolidazzjoni tal-impenji, kondizzjonalità ġusta u rigoruża, komunikazzjoni aħjar, flimkien mal-kapaċità tal-UE, fid-dimensjonijiet kollha tagħha, li tintegra membri ġodda, filwaqt li kull pajjiż jiġi evalwat fuq il-merti proprji tiegħu.

10. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2020, approvati mill-membri tal-Kunsill Ewropew fis-26 ta' Marzu 2020, il-Kunsill approva **Qafas ta' Negożjar** ġenerali, b'kont meħud tal-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, kif ukoll konklużjonijiet rilevanti oħra tal-Kunsill, il-kunsens imġedded dwar it-tkabbir, u l-prattika stabbilita.

11. Aħna ser nippreżentawlek dan il-Qafas ta' Negozjar abbażi tal-Pożizzjoni Ġenerali tal-UE, matul il-laqgħa li jmiss tal-konferenza intergovernattiva, li aħna ninsabu lesti li norganizzaw mingħajr aktar dewmien jew deċiżjoni politika addizzjonali, hekk kif il-Maċedonja ta' Fuq tkun implimentat l-impenn tagħha li tlesti l-bidliet kostituzzjonali kif imsemmi fil-Konklużjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2022, f'konformità mal-proċeduri interni tagħha.
12. Ser nippreżentawlek ukoll x'jinkludi l-*acquis* tal-UE.
13. F'din il-perspettiva, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni mxiet 'il quddiem fil-ħidma tagħha biex twettaq u tlesti l-proċess ta' eżami analitiku tal-*acquis* tal-UE u tinsab lesta li tippreżenta r-risultati tagħha lill-Maċedonja ta' Fuq fi żmien xieraq. Fuq din il-bażi, jistieden lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta l-istat ta' tħejjija tal-Maċedonja ta' Fuq għall-ftuħ tan-negozjati f'oqsma speċifiċi u tidentifika l-kwistjonijiet li x'aktarx ser ifiġġu fin-negozjati, billi tibda mill-ġabra tal-elementi fundamentali, li, f'konformità mal-Qafas ta' Negozjar, ser tinfetaħ l-ewwel ladarba l-Maċedonja ta' Fuq tkun issodisfat il-kriterji rilevanti maqbula mill-Kunsill.
14. **Il-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** għadhom elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir. Il-Maċedonja ta' Fuq għandha tkompli tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fil-kooperazzjoni reġjonali inklussiva u ssaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien. Illum, infakkru fl-importanza li jinkisbu risultati tanġibbli u li jiġu implimentati, in bona fide, ftehimiet bilaterali, inkluż il-Ftehim ta' Prespa mal-Greċja u t-Trattat dwar Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat mal-Bulgarija.

F'dan ir-rigward, nilqgħu l-ftehim dwar il-protokoll mit-tieni laqgħa tal-Kummissjoni Intergovernattiva Konġunta stabbilita skont l-Artikolu 12 ta' dan it-Trattat. Dan il-pass importanti ser jagħti kontribut għal relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u kooperazzjoni reġjonali, li jibqgħu elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

15. Fil-perjodu li jwassal għall-adeżjoni, jenħtieġ li l-Maċedonja ta' Fuq **tallinja b'mod progressiv** il-politiki tagħha lejn pajjiżi terzi u l-pożizzjonijiet tagħha fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali mal-politiki u l-pożizzjonijiet adottati mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.
16. Ippermettulna nfakkru wkoll li b'mod parallel man-negozjati tal-adeżjoni, l-Unjoni u l-Maċedonja ta' Fuq ser ikompli d-**djalogu mas-soċjetà ċivili u l-kooperazzjoni kulturali** tagħhom, bl-għan li jressqu lin-nies qrib xulxin u jiżguraw l-appoġġ taċ-ċittadini għall-proċess tal-adeżjoni. Nistennew li l-Maċedonja ta' Fuq tikkomunika b'mod preċiż u strateġiku l-benefiċċji u l-obbligi tal-proċess ta' adeżjoni lill-pubbliku tagħha, inkluż l-indirizzar tad-diżinformazzjoni, f'konformità mal-għażla strateġika pro-Ewropea tagħha.
17. Jibqa' fidejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk il-kondizzjonijiet ikunux tajbin biex jiġu konklużi n-negozjati, b'kont meħud tal-iżviluppi fl-*acquis* tal-UE mid-data tal-ftuħ tan-negozjati, u kemm il-Maċedonja ta' Fuq tkun lesta għas-sħubija.
18. In-negozjati tal-adeżjoni li ser inkunu qed niftħu llum ser ikunu rigorużi u eżiġenti. B'determinazzjoni u impenn, aħna fiduċjużi fil-kapaċità tagħkom li twassluhom għal konklużjoni ta' suċċess. Aħna ser nappoġġawkom fl-isforzi tagħkom u nistennew bil-ħerqa li nilqgħukom bħala membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea.